MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1474/2005

**Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mary Carmen Gatt (ID580244M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Mary Carmen Gatt**

**vs**

**Wayne Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm145.08) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici Mary Carmen Gatt, in kwantu s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm120.08) rapprezentanti spejjez ta' riparazzjoni, ta'**

**parts, u ta’ spejjez ohra relatati, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici, u in kwantu l-bilanc ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) rapprezentanti excess imhallas mill-attrici skond il-polza ta’ assikurazzjoni tat-tip fully comprehensive li hija ghandha jew kellha mas-socjeta` attrici u ghal liema danni jahti unikament il-konvenut, minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.**

**Il-konvenut ghalkemm interpellat, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju, 2004, baqa’ nadempjenti.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-5 t’Ottubru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm120.08), u lill-attrici Mary Carmen Gatt is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-14 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut a tenur tal-Kap.14 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------